# 59. Id-Dar Imwaqqgħa

Ma ngħidx jien bħall-boloh li f'kennek kull lejla
joħorġu l-eħieres, joħorġu l-erwieħ,
iduru mal-kmamar imwaqqgħa mudlama,
jitolbu l-għajnuna, jitolbu l-mistrieħ;

'Mma ngħid illi f'kennek, f'ħitanek immellħa,
f'qigħanek maqlugħa, miksija ħażiż,
hemm għanja ta' qalb li titbekka miġugħa
għat-telfa ta' kollox li kellha għażiż.

Sew sew kif ġo qalbi hemm għanja w ilfiqa
ta' dar illi waqgħet u saret tiġrif,
u tilfet il-għożża ta' dak li kien fiha,
u saret borġ ħerba mingħajr ma taf kif.